MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 484/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf talli :

(1) fis-27 ta’ Frar 2009 għall-habta tas-2.30 ta’ fil-għodu waqt li kien fil-post magħruf bhal ‘The Lion Bar’ li jinsab fi Triq Efesu, San Pawl il-Baħar, ta daqqa ta’ ponn kif ukoll bi flixkun f’wicc Saviour Cassar minn Hal-Qormi u kkaġunalu offiżi ta’ natura gravi ċioe` sfreġju permanenti u dan skond ma’ kif iċċertifika t-tabib Joe Scicluna MD taċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta;

(2) fl-istess data, hin u lok, irreżista bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika, kontra P.S. 935 Patrick Cassar, P.C. 382 Josef Paul Cardona u P.C. 797 Robert Tabone, li huma persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita` kompetenti;

(3) fl-istess data, ħin u lok, kiser il-paċi pubblika, bl-għajjat, ġlied jew b'mod ieħor;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 218, 95, 96, 338(dd), 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu sentejn (2) u erba' (4) xhur priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf ipprezentat fil-21 ta' Novembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tilliberah mill-ewwel imputazzjoni, tikkonfermaha fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra u timponi piena aktar miti u idonea fiċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fis-sens illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u tal-liġi. Fl-ewwel lok jgħid illi mill-provi għandu jirriżulta li l-inċident *de quo* kien jikkonsisti f'rissa, ossia ġlieda aċċidentali. Jgħid li l-ġlieda kienet bejn erba' persuni ta' nazzjonalita` Għarbija u li l-vittma Saviour Cassar spiċċa involut f'dik il-ġlieda. Skond l-appellant, għad li huwa minnu li l-istess vittma sofra grieħi, mhuwiex eskluż li dan ikun qala' xi daqqiet minn uħud min-nies li kienu parteċipi fil-ġlieda u għalhekk ma jistax jiġi definit min kienet il-persuna li kkawżat il-ferita lill-vittma. Konsegwentement l-appellant imissu nstab ħati

fit-termini ta’ l-artikolu 237(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta li huwa kompriż u nvolut fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Subordinatament, l-appellant jissottometti li ma messux instab ħati taħt l-artikolu 218 iżda taħt l-artikolu 217 [*recte:* 216(1)(b)] peress illi l-isfreġju ma kienx wieħed permanenti. Fl-aħħarnett l-appellant isostni illi fiċ-ċirkostanzi l-piena kienet eċċessiva tenut kont il-fedina penali tajba tiegħu.

**6.** L-appellant mela jsostni l-ewwelnett illi hawn si trattava ta’ ġlieda aċċidentali. Issa, l-artikolu 237(b) li jgħid illi jmissu nstab ħati taħtu jipprovdi: “**Meta fi ġlieda aċċidentali xi ħadd jibqa’ maqtul jew offiż fuq il-persuna, <u>u ma jinsabx min kien l-awtur tal-omiċidju jew tal-offiża</u>, kull wieħed li jkun ħa parti attiva kontra l-maqtul jew l-offiż, jeħel, meta jinsab ħati … (*b*) fil-każ ta’ offiża gravi li tkun ġiebet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena”** (sottolinear ta’ din il-Qorti). L-ewwel Qorti, li kellha l-opportunita` li tara u tisma’ x-xhieda, ikkonkludiet illi kien l-appellant li kien ikkommetta l-offiża fuq Saviour Cassar, jiġifieri kkonkludiet li l-persuna responsabbli kienet identifikabbli.

**7.** Din il-Qorti eżaminat il-provi sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setgħetx legalment u raġjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet. Fix-xiehda tiegħu l-appellant ċaħad li kien involut fil-ġlieda u ċaħad li miss lil Saviour Cassar. Anzi jgħid li kien dan Saviour Cassar li tah daqqtejn u mbuttah ’il barra. L-ewwel Qorti, wara li għaddiet in rassenja l-provi, ma qisitx li l-appellant kien kredibbli u qalet hekk:

**“Illi l-Qorti tiddikjara mill-ewwel li m’għandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita` tal-vittma Saviour Cassar u tal-membri tal-Korp tal-Pulizija li xehdu f’dawn il-proċeduri dwar l-aġir tal-imputat fil-ġurnata in diżamina. Inoltre x-xiehda tal-vittma ġiet konfermata u korroborata minn xhud indipendenti li nzerta kien fil-bar, u ċioe` Arthur Wingfield. Il-Qorti jidhrilha li mix-xiehda tal-vittma kif ukoll mix-xiehda tal-membri tal-Korp tal-Pulizija li saret referenza għalihom aktar ’il fuq fil-korp ta’ din is-sentenza jirriżulta pruvat sal-**

**grad rikjest mil-liġi li l-imputat volontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi konsistenti fi sfreġju permanenti lil Saviour Cassar u li huwa rreżista bi vjolenza lill-Pulizija waqt li dawn kienu qed jaġixxu in eżekuzzjoni tal-liġi kif ukoll li huwa kiser il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied."**

**8.** Din il-Qorti hi sodisfatta illi mill-provi, u senjatament ix-xiehda ta' Saviour Cassar u dik ta' Arthur Wingfield, l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi illi kien l-appellant illi għamel offiża fuq Saviour Cassar. Li din il-Qorti trid tiddetermina huwa jekk l-offiża li ġarrab Saviour Cassar tistax titqies waħda "gravi" (skond l-artikolu 216(1)(b)) jew waħda "gravissima" (skond l-artikolu 218(1)(b)).

**9.** Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Reno Azzopardi** mogħtija fit-2 ta' Marzu 2011, intqal:

**"Effettivament il-liġi tagħna stess tagħmel distinzjoni bejn sfreġju li fil-prattika jissejjaħ 'sempliċi' (artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u sfreġju 'gravi u permanenti' (artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta). U kif intqal fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Frar 1998 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. Fortunato Sultana</u>:**

**"*'Skond din id-disposizzjoni [l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali] l-offiża fuq il-persuna hi gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-lġgi ma tirrikjedix li dana l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ (jew fil-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfreġju hi rilevanti biss meta, abbinata mal-gravita`, tagħti lok għal hekk imsejħa 'offiża gravissima' skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali."'***

**10.** Din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Settembru 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**:

**"Il-mankament jew sfreġju fil-wiċċ la hu marbut ma' skolorament tal-ġilda u anqas ma ċikatriċi. B'mankamant (jew fit-test taljan tal-liġi tagħna, allura l-Articolo 222, 'deformita`') fil-wiċċ il-liġi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament 'ċioe` peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entita` della alterazione stessa, o per l'esp ressione d'assieme del volto' (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tist" ssir fir-regolarita` tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skond ġurisprudenza ormai paċifika, din il-ħsara li tammonta ghal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija v. Emily Zarb, App. Krim., 15/2/58, Kollezz. Deċiż. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni, li temerġi mill-bran tas-sentenza appena ċitat, li jekk ikun hemm ċikatriċi neċessarjament hemm sfreġju iżda ma jkunx hemm sfreġju jekk ikun hemm sempliċi skolorament tal-ġilda. Anke skolorament tal-ġilda jista' jipproduċi kemm sfreġju kif ukoll mankament fil-wiċċ fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita` tal-ħsara; mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara fil-ġergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li tħalli fuq il-wiċċ.**

**"Kwantu ghat-tieni paragrafu tal-bran ċitat, huwa veru li s-snien ma humiex parti mill-wiċċ, għalkemm it-telf ta' ħafna snien jistgħu jġibu kemm sfreġju kif ukoll mankament minħabba l-effett li jistgħu jħallu fuq il-wiċċ u speċjalment fir-reġjun tal-ħalq. Pero` la t-tul tal-infermita` u lanqas il-permanenza o meno tagħha ma huma relevanti għall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) (ara kemm is-sentenza Il-Pulizija v. Emily Zarb, ġa` ċitata,**

**kif ukoll is-sentenza mogħtija llum stess fil-kawża fl-ismijiet <u>Il-Pulizija</u> <u>v.</u> <u>Francis</u> <u>Dingli</u>).”**

**11.** Fil-każ in eżami Saviour Cassar, bid-daqqa li qala’ ġo wiċċu, tilef tliet sinniet. Bħalma ntqal fl-aħħar sentenza ċitata, għalkemm is-snien mhumiex parti mill-wiċċ, “**it-telf ta’ ħafna snien jistgħu jġibu kemm sfreġju kif ukoll mankament minħabba l-effett li jistgħu jħallu fuq il-wiċċ u speċjalment fir-reġjun tal-ħalq”**. Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tara lil Saviour Cassar. M’hemmx dubju li t-telfien ta’ tliet sinniet ta’ quddiem (*incisors*) itellef xi ftit mill-armonija ta’ l-allineamenti tal-wiċċ. Fl-istess ħin irid jingħad illi dan Saviour Cassar iżomm il-mustaċċi, kellu numru ta’ snien neqsin minn qabel l-inċident (li fix-xiehda tiegħu qal li kienu fuq in-naħa ta’ ġewwa), u jidher li għandu oħrajn neqsin fuq quddiem u ma għamilx snien foloz. Dan qiegħed jingħad biex jiġi ndikat li t-telfien ta’ l-armonija ta’ l-allineamenti tal-wiċċ mhuwiex unikament minħabba l-inċident ma’ l-appellant. Barra minn hekk, ma nġabet l-ebda prova li snien l-imsemmi Saviour Cassar ma jistgħux jiġu rikostruwiti mill-ġdid mingħajr interventi straordinarji. Għalhekk din il-Qorti, filwaqt illi tqis l-offiża li ġarrab Saviour Cassar bħala mankament fil-wiċċ, ma tqisx li għandha titqies bħala waħda permanenti. Konsegwentement ma japplikax l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali iżda japplika l-artikolu 216 (1)(b).

**12.** Kwantu għall-piena, ġaladarba l-appellant se jiġi dikjarat ħati skond l-artikolu 216(1)(b), irid ikun hemm neċessarjament temperament fil-piena. Difatti, filwaqt illi l-piena taħt l-artikolu 218(1)(b) hija ta’ priġunerija minn disa’ xhur sa disa’ snin, dik taħt l-artikolu 216(1)(b) hi ta’ priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin.

**13.** L-appellant, pero`, jgħid ukoll illi l-fedina penali tiegħu hija tajba. Din il-Qorti eżaminat il-fedina penali aġġornata tiegħu. Minnha jirriżulta, almenu *prima facie*, illi fis-26 ta’ Diċembru 2008 (mela tliet xhur biss qabel l-inċident hawn in eżami) huwa kien ingħata *conditional discharge* għal perijodu ta’ sena wara li kien instab ħati li fil-25 ta’ Diċembru 2008 fil-Belt Valletta (1) għamel ħsara volontarja fuq ħġieġa ta’ vetrina ta’ ħanut; (2) għamel

ħsara volontarja fuq ħġieġa ta' tieqa ġewwa l-għassa tal-Belt Valletta; (3) attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija; (4) inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku; (5) għamel tentattiv ta' ħarba mill-kustodja tal-Pulizija; (6) m'obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija; u (7) kiser il-mistrieħ tan-nies. Mill-istess fedina penali aġġornata jirriżulta inoltre li fil-mori ta' din il-kawża ġie kkundannat sena priġunerija fid-9 ta' Marzu 2010 wara li nstab ħati li fil-Belt Valletta (1) inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija' (2) attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija; (3) għamel tentattiv ta' ħsara volontarja fuq vettura tal-Pulizija; (4) bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-gieħ ta' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija weġġagħhom bi kliem, b'ġesti jew b'xi mod ieħor; (5) volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; (6) f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku kien fis-sakra b'mod li ma setax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu; (7) ħebb kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija biex jinġurjahom jew idejjaqhom; (8) kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-29 ta' April 2009.

**14.** Miċ-ċirkostanzi fil-każ odjern u minn dawk fil-każijiet li appena saret referenza għalihom tirriżulta ripetizzjoni ta' ċerti reati. Aktar minn hekk jirriżulta li l-appellant għandu problema ta' l-alkoħol. Għalhekk, filwaqt illi taqbel illi l-piena idoneja għandha tkun waħda ta' priġunerija peress illi l-vjolenza fi kwalunke forma ma tista' qatt tiġi tollerata, din il-Qorti qed tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin dwar il-ħtieġa li l-appellant jingħata l-għajnuna opportuna minħabba tali problema.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf ħati ta' offiża "gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u minflok issibu ħati ta' offiża gravi skond l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, tirrevokaha wkoll in kwantu

kkundannatu għal priġunerija għal perijodu ta’ sentejn (2) u erba’ (4) xhur u minflok tikkundannah għal priġunerija għal perijodu ta’ sena u erba’ xhur, u tikkonfermaha fil-bqija. **Tattira mill-ġdid l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin għall-ħtieġa li l-imsemmi Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf jingħata għajnuna minħabba l-problema ta’ l-alkoħol.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------